# 11

## *Ufficcju tal-Magistrat Kwerelanti. Gurnata*

| | |
|---|---|
| PHEL | Taf<br><br>Hemm xi haga li xorta wahda tbellahni<br><br>Meta intom sibtu lilkom infuskom it-tnejn li intom barra<br><br>Hfirtu lil xulxin |
| DELILE | Qatt ma konna miggieldin |
| PHEL | Imma ghadek kif ammettejt li kien hemm xi dizgwid |
| DELILE | Bruda |
| PHEL | Bruda estrema li f'dan il-kaz gieghlitkom ma tghidux kelma wiehed lill-iehor jekk mhux forsi b'mod professjonali matul |
| DELILE | Seba' snin Sur Magistrat<br><br>Imma x-xoghol ma giex affettwat hazin ghal sekonda minhabba f'daqshekk |
| PHEL | Bruda estrema spontanja mahlufa<br><br>*Silenzju* |
| DELILE | Din tiswini hafna |
| PHEL | Fl-ahhar |

| | |
|---|---|
| | Wasaltu forsi biex tinqalghu ftit minn xulxin |
| DELILE | Blache u jien kienet iktar minn hbiberija konna qisna ahwa<br><br>Firja bir-rota li thassret fl-ahhar mument ergajt lura d-dar dik l-ghodwa u sibt xi haga li ma kontx qed nistenna Blache kien bil-qieghda hdejn il-mara tieghi fil-kcina rajthom minn wara u ma nafx x'tip ta' sajjetta laqtitni hassejt saqajja jcedu f'inqas minn sekonda ghadda kollox minghalija |
| PHEL | Ha nsejhu l-affarijiet b'isimhom |
| DELILE | Qisu attakk tal-qalb |
| PHEL | l-ghira |
| DELILE | Tfiq meta tkun bla bazi<br><br>Imma bil-mod<br><br>Sekond biex tidhol imma wara snin u snin shah biex terga' tinbena l-fiducja |
| PHEL | Ma kien hemm l-ebda kumplikazzjonijiet wara |
| DELILE | l-ebda Sur Magistrat jekk mhux it-tifel li twieled fiz-zmien tal-krizi |
| PHEL | It-tifel tieghek huwa wiehed mill-klijenti frekwenti mhux hazin tieghi<br><br>Imma llum mhux fuqu qed nitkellmu<br><br>Nghaddu ghat-tkeccija tieghek kienet it-tieni krizi kbira li laqtitek f'hajtek li hemm x'wiehed jinnota huwa li d-daqqa ta' harta li messet lilek u li fl-istess hin messet ukoll lill-habib tieghek Blache wiehed seta' jistenna li rikonciljati kif kontu din id-daqqa ta' harta setghet serviet ta' gid biex tqarrabkom lejn xulxin |

| | |
|---|---|
| | Imma le r-relazzjoni taghkom waqfet mill-gdid<br><br>U wara din it-tieni firda<br><br>Kif ma staqsejtx lilek innifsek illi l-qghad rega' nibbet l-ugiegh li kont tahseb li minnu kont fiqt minnu<br><br>U hekk hu bruda estrema mill-gdid b'effetti forsi iktar koroh |
| DELILE | M'intix tifhem<br><br>Inti hobzok mahbuz dak li gara lili qatt ma jista' jigri lilek<br><br>Li titlef ix-xoghol hija xi haga partikulari<br><br>Napprezza jekk tipprova tifhimni |
| PHEL | Ghalhekk qieghed hawn Sur Delile |
| DELILE | Wiehed ikun xi hadd<br><br>F'daqqa wahda wiehed m'hu xejn<br><br>Il-bokkaport tinfetah taht saqajk<br><br>Tispicca qisek laham mibjugh ma tkunx taf x'ser taqbad taghmel<br><br>Jekk mhux tinheba min-nies ta' madwarek<br><br>Tinsa n-nies li kont taf.  Il-qghad  tafx   Jiffrizalek il-memorja<br><br>Waqt li kont qed naghmel demonstration ta' serrieq lanqas kont ghadni naf fejn se npoggi subghajja |
| PHEL | Diga' qed tipprepara d-difiza tieghek ?<br><br>Meta rajt lil Blache l-ahhar darba? |
| DELILE | Oh m'ghadnix niftakar |
| | |

| | |
|---|---|
| PHEL | Iltqajt mieghu l-gurnata tad-delitt? Jew fil-granet ta' qabel ? Fil-gimghat ? Ix-xhur ta' qabel ? |
| DELILE | Le |
| PHEL | Qatt minn mindu ergajt sibt xoghol ? ipprova ftakar |
| DELILE | Le |
| PHEL | Kont taf xi hadd li seta' kien ghadu tieghu ? Xi nies li jistghu jixtieqlu d-deni ? |
| DELILE | Le |
| PHEL | Sinjorina Belot ikteb jekk joghgbok (jiddetta. Hi tittajpja) Bniedem li kiseb l-esperjenza tax-xoghol wahdu bdejt mal-kumpanija Grange bhala maintenance man mxejt it-triq kollha biex spiccajt maniger tal-manifattura fl-imsemmija kwalita' impjegajt lill-inginier bl-iskola Blache li sar fl-istess hin kollaburatur u habib tieghi darba l-Hadd fil-ghodu sibt bla mistenni lil Blache bil-qieghda hdejn il-mara tieghi hassejt ghira kbira u r-relazzjonijiet kollha ta' bejnietna apparti dawk tax-xoghol spiccaw ghal seba' snin iz-zmien li kien hemm bzonn biex infiq minnha wara liema zmien ergajna tkellimna<br><br>Tkeccejt mill-kumpanija Grange fl-eta' ta' 49 sena fl-istess hin li tkecca Blache u xi nies ohra ghal ragunijiet ta' ristrutturar kelli seniority ta' 28 sena u l-hajja professjonali tieghi sa dak iz-zmien ma kienet rat l-ebda shaba wahda sewda l-ingustizzja tad-daqqa li laqtitni flimkien ma' l-incertezza li messet il-futur tieghi pprovokat reazzjoni li gieghlitni nidhol go qoxorti u ninsa. Kont qisni ma naf 'il hadd iktar. Dan l-ahhar wara erbgha snin qieghed sibt xoghol gdid ghadni fil-perjodu ta' probation u dak li ghedt qabel jispjega li minn zmien it-tkeccija tieghi minn fuq ix-xoghol qtajt ghat-tieni darba u definittivament il-kuntatti kollha li kelli ma' Blache niddikjara solennement li ma rajtux ix-xhur gimghat granet qabel id-delitt ta' din il-gurnata la matul il-gurnata u lanqas fil-ghaxija<br><br>Qed tara fiha l-intenzjonijiet tieghek? Ghandek xi haga x'izzid? Tixtieq li terga' taqraha? Nista' nitolbok tiffirma x-xhieda tieghek?<br><br>Nirringrazzjak |

| | |
|---|---|
| | *(Delile johrog 'il barra)*<br>l-ghasfur ta' min ihobbu<br>kien hemm certa nobbilta' fil-mod kif<br>gwenhajh miftuhin berah<br>jissielet |
| BELOT | Kontra min?<br>Stramb li qed titkellem fuq l-ghasafar<br>Xengilt is-sigra tal-palm |
| PHEL | Hsad dubjuz<br>Il-gewz ta' l-Indi ghadu mhux misjur |
| BELOT | Jekk forsi fuq din is-sigra m'hemmx gewz |
| PHEL | Jew forsi hu qatel |
| BELOT | Jew forsi ma qatilx<br>Fil-holma tieghi<br>Int qieghed fiha imbarazzanti |
| PHEL | Nippersegwitak<br>Anke matul il-lejl |
| BELOT | Bil-qieghda fil-gholi fuq blata |

| | |
|---|---|
| | Kont imdawwar b'ghadd ta' ghasafar kbar tal-biza' li kienu qed jaghmlu storbju li jtarrax |
| PHEL | Hija dik ir-realta' |
| BELOT | Jghaddi karru migbud minn ragel xih fil-karru hemm bosta hwejjeg qodma bicciet sejjer ibieghhom fuq il-monti int taqbez ghal go fihom<br><br>Jien ridt nghid lix-xih ghasfur kbir zammni bi gwenhajh milli noqrob lejh int tapprofitta ruhek ma nafx ghalxiex<br><br>Int tibda tixhethom<br><br>Jien nghajjat hu ma jismaghnix minhabba dawk l-aghsafar kollha |